MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2014

Numru. 344/2012

**SPETTUR FABIAN FLERI**

**VS**

**CARMELO MERCIECA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Carmelo Mercieca ta’ 50 sena, bin Joseph u Carmen nee’ Cauchi, mwieled Pieta’ fit- 3 ta’ Gunju 1964, residenti Harruba 2, Flat 6, Triq il- Bajja, M’Scala u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 245169M;

Talli fit- 12 ta’ Ottubru 2009 u fix- xhur ta’ qabel gewwa l- fond Avonlea, Triq Guzeppi Lanzon, M’ Scala;

1) Minghajr hsieb li jisraq jew li jaghmel xi haga kontra l- ligi izdsa biss biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu gieghel bl- awtorita’ tieghu nnifsu lil xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixkel lil xi hadd fil- pussess ta’ hwejgu, jew hatt bini, jew kiser il- mixi tal- ilma jew ha ilma ghalih jew b’ xi mod iehor kontra l- ligi ha hames lampshades, bedspread, dvalja u erba’ srievet, cilindru tal- gas voj fajjenza tal- vetrina, ballavostra tal- gebel, cwievet tal- bieb ta’ barra u ta’ bibien ohra ghad- detriment ta’ Lilian Caligari;

2) Ukoll talli fl- istess cirkostanzi kkaguna hsara nvolontarja fl- istess fond liema hsara tammonta ghal €1220 ghad- detriment ta’ Lilian Caligari;

3) Aktar talli matul il- perjodu ta’ bejn it- 12 ta’ Ottubru 2009 u x- xhur ta’ qabel din id- data mill- fond Avonlea, Triq Guzeppi Lanzon, M’Scala, liema serq li huwa kkwalifikat bil- lok, sar ghad- detriment ta’ Lilian Caligari minn M’Scala u/jew persuni ohra;

4) Aktar talli fl- istess perjodu ta’ zmien, lok u cirkostnazi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor,

messu jew immessu u cioe ghamel hsara fir- residenza Anolea, Triq Guzeppi Lanzon, M'sCala liema hsara li huma ta' aktar minn €1,164.69 saru ghad- dannu tal- istess Lilian Caligari minn M'Scala u jew perusni ohra;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat kien jikri fond fi Triq Guzeppi Lanzon, M'Scala, minn ghand il-parti leza Joe u Lilian konjugi Caligari, permezz ta' skrittura datata 29 ta' Novembru, 2008. Sakemm kien qed jokkupa dan il-fond, il-parti leza allegat li kienu saru hsarat fil-proprjeta' u kienu gew neqsin diversi oggetti, u ghalhekk sar rapport lill-Pulizija u ttiehdu dawn il-proceduri.

Mill-provi prodotti, ma kienx kontestat li l-imputat kien inkwilin fil-fond ta' Caligari. Il-Prosekuzzjoni ressqet provi li l-parti leza kienet sofriet danni waqt li l-imputat kien qed jokkupa l-fond imsemmi, liema xhieda u dokumenti ma gewx kontradetti b'mod konvincenti mill-imputat. Caligari esebiet lista tal-oggetti kollha li gew nieqsa jew li kienu sofrew xi hsara, mentri l-imputat ipprova jimminimizza l-akkadut bi twegibiet ambigwi. Ghalhekk il-Qorti hi aktar propensa temmen lil Caligari milli lill-imputat.

Kwantu ghall-piena, il-Qorti hi tal-fehma li ghandha taghti piena ta' prigunerija f'dan il-kaz. Madankollu, din is-sentenza m'ghandhiex tidhol fis-sehh sakemm l-imputat ma jaghmilx reat iehor fi zmien kif stipulat fis-sentenza skond il-ligi. Dan sabiex iservi ta' deterrent lill-imputat li ma jwettaqx reati ohra. Il-Qorti ser izzomm lura milli taghti xi forma ta' kumpens lil Caligari, ghas-semplici raguni li dak ghandu jifforma parti minn proceduri u mertu civili, mentri hawn qed jigi ttrattat il-mertu ta' reat kriminali. Inoltre, il-Qorti hi tal-fehma li l-istimi li taw Caligari kienu gratuwiti wisq biex tinghata ordni ta' hlas bhala kumpens jew rifuzjoni ta' telf soffert minnhom. Ghalhekk il-Qorti mhix ser taghti ebda provvediment taht l-Artikolu 28H tal-Kap 9.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 85, 328, 261, 269, u 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u ghalhekk tikkundannah ghal piena ta' tmien xhur prigunerija sospizi ghal sentejn, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------